**TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI**

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.**

Rikors Numru: 2/97

Emanuel u Elizabeth konjugi Mallia
vs
L-Awtorita' tal-Ippjanar

Illum 12 ta` Dicembru, 2000.

It-Tribunal,

Ra r-rikors li bih ir-rikorrenti wara li ppremettew illi huma qed iressqu l-kaz taghhom kontra l-intimat, quddiem dan t-Tribunal minhabba ingustizzja gravi li huma batew, bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, minhabba l-agir illegali u diskriminazzjoni politika tal-intimata.

Illi ir-rikorrenti kienu xtraw bictejn art, plot 131 u 132 fi Triq id-Dugh f'Marsaskala fl-1987 (Dok A) wara li kienu vverifikaw mal-intimata, ossija l-atecedenti taghha, l-P.A.P.B. illi l-art li kienu ser jixtru kienet fabbrikabbli u setghu jinhargilhom l-permessi mehtiega, biex

jizviluppaw l-art in kwistjoni. Huma kienu xtraw din l-art, minkejja l-hafna li kienu fis-suq, peress li kellhom l-assikurazzjoni mill-ufficjali tal-intimata, li l-art kienet fabbrikabbli.

Illi wara x-xiri r-rikorrenti kienu applikaw ghall-permessi mehtiega fi Frar tal-1988 (Ara applik. Nru 0514/88 Dok B) u wara sena u nofs stennija, kienu gew infurmati li ma kienx ser jinhareg l-Permess, u li r-raguni kienet li x-xogholijiet proposti ma kienux jaqghu fil-Politika tal-Awtorita' tal-mument u kif approvata mill-Kamra tar-Rapprezentanti fit-12 ta' Ottubru 1988 skond il-provedimenti tal-Att Nru X tal-1988 l-att dwar il-Permessi tal-Bini (Provvedimenti temporanji). Dana kien peress li l-intimata, b'mod illegali u diskriminatorju, kienet thalliet l-art tar-rikorrenti barra mill-Pjan temporanju ta' Struttura kif approvat (ara Dok C). Dan l-izvilupp kien halla l-art tar-rikorrenti ghal ftit metri 'l boghod mill-linja li taqsam, barra mill-pjan meta quddiem l-art taghhom hemm il-bini, kif hemm wkoll fl-art adjacenti ghall-taghhom, (ara Dok D, 1 2 3 4).

Illi r-rikorrenti malli rcevew dit-twegiba negattiva kienu ressqu l-kaz quddiem il-Ministru tal-Ambjent, il-Prim Ministru kif wkoll il-Kap tal-Oppozizzjoni ta' dak iz-zmien. Barra minn hekk huma baqghu jilmentaw mad-dipartiment koncernat dak iz-zmien. Ir-rikorrent Emmanuel Mallia kellu zewg inkontri mal-Perit Michael Falzon dak inhar Ministru. Ghall-ewwel infurmah li l-art kienet thalliet barra peress illi fil-vicin kellu xi art l-ex Ministru Lorry Sant li fil-fatt ma kellux. Fit-tieni inkontru kien qallu lir-rikorrenti Emmanuel Mallia kien qallu li "meta l-partit tieghek jkollu l-poter, jtuk dak li trid."

Dana kien halla lir-rikorrenti sorpriz ghall-ahhar u hassu aggravat b' diskriminazzjoni politika.

Illi r-rikorrenti sostnew li qabel ma kienu ghamlu x-xiri msemmi huma kienu ghamlu l-istharrig mehtieg mal-Ufficjali ta' P.A.P.B., u certu Borg Baldassare kien nfurmahom li l-art kienet soggetta li jinhareg il-permess ghall-bini fuqha. (Dana fil-fatt kien jirrizulta mill-pjan ta' dak iz-zmien, ara Dok E. Tant kien jirrizulta daqstant li, inghatatlu kopja tal-Pjan Regolatur f'kopja tas-"Survey Sheet" (Dok E) kif kienet id-Delimitazzjoni tal-Pjan u fejn kien jidher li l-art kienet fabbrikabbli.

Illi l-art kienet inxtrat fl-1987, f'Dicembru fil-waqt li fl-14 ta' Frar 1988 huma kienu applikaw ghall-permess tal-bini (nru 514/88 Dok B). Ir-risposta fin-negattiv kienet tal-21 ta' Awissu 1989 sena u nofs wara. Ic-cahda ghall-permess kienet tghid "the proposed works do not fall within the current policy regulating building permit, as approved resolution of the House on the 12th October 1988 in terms of Building Permits (Temporary Provisions) Act 1988, (Dok C).

Illi dana ta' hawn fuq jindika li l-applikazzjoni tar-rikorrenti kienet ilha gia ghall-konsiderazzjoni tmien (8) xhur quddiem il-P.A.P.B. qabel beda japplika u dahal l-iStructure plan gdid. Id-dewmien li halliet l-intimata biex tikkonsidra l-applikazzjoni tar-rikorrenti wasslet ghat-tbatija taghhom. Jinghad li fil-21 ta' April 1988, ir-rikorrenti kienu gew mitluba jipprezentaw pjanta (survey sheet Dok F) li tindika l-art in kwistjoni, li jindika li sa dak inhar kien jidher li kien hemm certezza li jinhareg il-permess mitlub. Sabiex ir-rikorrenti

juru d-diskriminazzjoni li minnha huma batew, ipprezentaw il-Premess Nru PB105/88/3400/87 (Dok G) li kien inhareg lil certu Demanuele fl-14 ta' Jannar 1988, wara li dan kien applika fis-16 ta' Settembru 1987. L-art tas-Sur Demanuele tinsab quddiem dik tar-rikorrenti, li jindika li l-permessi tal-bini kienu ser johorgu wkoll ghall-art tar-rikorrenti. Dan juri diskriminazzjoni fil-konfront tar-rikorrenti peress li juri kemm il-prokrastinazzjoni tal-intimati wasslet sabiex ir-rikorrenti jsofri minn dina l-ingustizzja, l-aktar meta wiehed jikkonsidra li huwa kien applika fi Frar tal-1988 kwazi fl-istess perijodu ta' dan Demanuele.

Illi hekk ukoll il-PAPB fl-1986/7 kienet tat permess lil Charles Mizzi (Permess Nru PB 3594/86/3514/86 Dok H) fuq art li hija faccata dik tar-rikorrenti. Barra dana inghata wkoll permess lil John Camilleri (Permess Nru 542/89) fi Triq il-Buttar f'Marsaskala. Dawn iz-zewg permessi kienu fuq art li tinsab fuq in-naha l-ohra tat-Triq fejn tinsab l-art tar-rikorrenti, u adjacenti ghal dik tal-imsemmi Demanuele. Dawna l-permessi u l-bini li sar bis-sahha taghhom illum kollha jinsabu barra l-Pjan ta' Struttura approvat mill-Parlament. Minkejja li dawn jinsabu kompluti u abitati mkien ma jidhru li jezistu fil-Pjanti tal-Pjan Strutturali bhal li kieku qatt ma kien inhargilhom permess. (Ara Ritratti annessi Dok D 1234 ). Hawn tajjeb li jinghad li l-Kunsill Lokali ta' Marsaskala ma ghandu l-ebda oggezzjoni illi jinhareg il-permess ghall-bini lir-rikorrenti u lil persuni bi propjeta' fl-istess inhawi. (Dok K)

Illi sadanittant l-arja kollha ta' madwar l-art tar-rikorrenti kollha qed tigi zviluppata ara fotokopji annessi. Ir-rikorrent sadattant kien qed

jigi mwieghed li l-Pjan Regolatur kellu jinbidel fi zmien sentejn kif kienet tipprovdi l-ligi stess. Minkejja dana ghaddew diversi snin u ir-rikorrenti llum ghandu tlieta u hamsin sena, liema zmien jaghmilhielu ferm aktar difficlu li huwa jkun jista' jakkwista s-self mehtieg biex huwa jwettaq il-pjan tieghu, (ara Dok I - applikazzjoni lill-Bank ghas-self) li jibni dar ghall-mara minhabba l-kundizzjoni taghha kif certifikata mit-tabib, li ordnalha l-arja tal-bahar. Dina l-kondizzjoni llum aggravat kif jidher mic-certifikati annessi (Dok J).

Illi kien kollu htija tal-Planning Authority, ossija tal-P.A.P.B. li damu biex jittrattaw l-applikazzjoni tar-rikorrenti, ghax li kieku dan hareg qabel kien jsir bhal kazijiet ohra li nhargilhom il-permess mehtieg. Kienet l-Awtorita' ta' l-Ippjanar li ddeskriminat kontra r-rikorrenti meta hallietu jistenna u wara gabitlu l-iskuza li kien inbidel il-pjan. Dana kollu jinghad fil-kuntest ta' dak li kien qallu l-ex Ministru Michael Falzon. Ir-rikorrenti jemmen li l-art tieghu kienet thalliet barra mill-pjan apposta, minhabba t-twemmin politiku tieghu.

Illi huma kienu bi hsiebhom igibu biex isostnu l-ilment taghhom ix-xhieda murija fl-elenku anness li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrenti ried igib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrenti talbu lil dan it-Tribunal jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att tal-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni tal-Ingustizzji u jaghti lilir-rikorrenti rimedju billi jikkundanna lill-Awtorita' tal-Ippjanar taghti l-permess mehtiega ghall-bini lir-rikorrenti fuq l-art propjeta taghhom hawn indikata,

jigifieri Plot 131 u 132 fi Triq id-Drugh Marsaskala u/jew jaghti dawk id-direttivi jew kumpens li dan it-Tribunal jista' jidhirlu xierqa.

Ra l-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mir-rikorrenti.

Ra r-risposta ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar li eccepiet:

Illi fl-ewwel lok l-istess rikorrenti qed jallegaw ingustizzja li saret mill-PAPB pero' l-istess rikorrenti qed jallegaw l-istess att bhala kummess mill-Awtorita' ta' l-Ippjanar.

L-Awtorita' ta' l-Ippjanar skond l-istess skeda taht l-Att 1 ta' l-1992 mhux is-successur tal-PAPB, hlief ghal dawk il-permessi li hargu mill-PAPB u kienu ghadhom in vigore (ghal sentejn) meta spicca l-PAPB u bdiet tiffunzjona l-Awtorita'. Fil-fatt l-ilment tar-rikorrenti hu "illi kien kollu htija tal-Planning Authority" ossija tal-PAPB li damu biex jittrattaw l-applikazzjoni tar-rikorrent…" (fejn qed jirreferu ghas-seba' jew tmien xhur sakemm giet processata mill-PAPB).

Illi skond l-Att 1 ta' l-1992 l-istess Awtorita' mhux is-successur tal-PAPB. Fil-fatt l-PAPB kien delegat tal-Ministru tal-Infrastruttura (Vide Dok TDA1 sa TDA10 - kopja ta' nota ta' osservazzjonijiet li saret fil-kawza Angelo Xuereb noe vs Ministru ghall-Izvilupp tal-Infrastruttura et u l-Avvizi Legali li kienu jiggvernaw l-istess PAPB fejn gie tentat li jikkjamaw fil-kawza l-Awtorita', liema talbiet gew sussegwentement michuda);

Qed issir ukoll referenza ghad-decizjonijiet iktar recenti tal-Qrati taghna (kopja annessa Dok TDB1 u TDB2 deciza fit-tnax ta' Dicembru, 1996 fl-ismijiet John Sammut vs Awtorita' ta' l-Ippjanar), fejn ukoll ilmenti kostituzzjonali ma ntlaqghux meta diretti kontra l-Awtorita' jekk dawn kienu minhabba agir tal-PAPB;

Illi l-istess Awtorita' ta' l-Ippjanar bl-ebda mod ma trid tintralcja t-tmexxija tar-rikors biex dan t-Tribunal jiddeciedi jekk kienx hemm ingustizzja jew le, pero' jixtieq jirrileva li l-istess Awtorita' ma kellha x'taqsam xejn mal-fatti allegati, jekk jigu ppruvati jew le.

L-allegazzjoni tar-rikorrenti li l-applikazzjoni kienet ila ga ghall-kunsiderazzjoni tmien xhur quddiem il-PAPB qabel beda japplika u dahal l-iStructure plan (hawn ir-rikorrent qed presumibilment jirreferi mhux ghal l-iStructure Plan izda ghall-skemi temporanji), ma tidhol fiha xejn l-Awtorita'. Tant hu hekk li l-istess applikant kellu rifjut u kien appella lis-Select Committee, liema Select Committee iddecieda l-appell fl-14 ta' Frar 1990 qabel ma qatt kienet tezisti l-istess Awtorita' indipendenti mill- Gvern, l-Awtorita' ta' l-Ippjanar;

Kif gie fis-sehh l-Awtorita' kellha ssir ittra li biha wiehed jitlob li applikazzjoni pendenti quddiem il-PAPB tigi pprocessata mill-Awtorita' ghax inkella l-istess applikazzjoni tigi kkunsidrata li waqghet. Fil-fatt skond Dok TDC1 hekk ghamel l-applikant permezz tal-perit tieghu <u>IZDA</u> din id-darba fuq applikazzjoni gdida mhux ghal terraced house pero' ghal boundary wall biss (Dok TDC 2A u TDC2B).

Pero' qabel ma nigi biex naraw il-processar ta' din l-applikazzjoni tas-6 ta' Jannar, 1993, ta' min jissemma li minghajr pregudizzju ghall-eccezzjoni li l-Awtorita' mhux successur tal-PAPB, il-fatti li nghataw mill-appellant mhux korretti;

Veru li nhareg rifjut mill-PAPB fil-11 ta' Ottubru 1991 bil-kliem li qed jghid l-appellant ghax sa dak iz-zmien kienu dahlu in effett it-temporary provisions scheme taht l-Att X ta' l-1988, pero' mhux minnu li l-istess kien jikkwalifika fi kwalunkwe stadju wara li l-applikant akkwista l-proprjeta' fit-28 ta' Jannar 1988 u meta applika ghall-permess fl-14 ta' Frar 1988. L-iskemi li pprezenta ma kienux applikabbli kif qed jinghad. Tant hu hekk bl-Att 1 ta' 1983 ( li sussegwentement giet imhassra bl-Att X ta' l-1988), u cioe' Kap 303, art skond l-art. 4 ta' l-istess Att seta jigi kkunsidrat bhala li titqies art ghall-bini jekk tkun qeghda distanza ta' mhux izjed minn 100 jarda (91.44metri) minn area mibnija, li ghandha titkejjel tul il-wisa' tat-triq;

Fil-fatt harsa lejn il-file PAPB 514 ta' l-1988 minuta 9 u dan bejn il-11 u s-16 ta' Mejju 1988 tghid: (Dok TDD) "Site does not qualify as the % of built up area is less than the % area required by law". Skond il-ligi dak iz-zmien, meta giet processata kien jirrizulta li (vide ukoll Dok TDE policy ta' kif tinhadem in prattika l-istess ligi dak iz-zmien u Dok TDF1 u TDF2 tas-site plan u aerial photography li juri sa fejn wiehed DAK IZ-ZMIEN seta' jibni s-site qatt ma kienet tikkwalifika ghall-izvilupp. Din pero' hi haga li ghandha tigi ggustifikata mid-dipartiment jew Ministeru relattiv li hu s-successur ta' l-azzjonijiet tal-PAPB, jekk l-ilment simili jsir kontrihom. Fil-fatt il-permessi l-

ohra li jissemmew mill-applikant nghatalhom ghax kien jikkwalifikaw taht il-Kapitolu 303 tal-Ligijiet ta' Malta (Dwar il-file pero' 542 tal-1989 ikkwotat mill-applikant, dan kien site Ghawdex u ma ghandux x'jaqsam mal-kaz). Dwar iz-zewg sites l-ohra dawn kienu jaqghu skond il-percentage rikjest mill-Att 1 ta' l-1983. Wahda kienet ferm iktar il-fuq mill-built-up area u l-ohra kienet fi triq b' percentagg gholi ta' bini.

Ta' min jinnota li ghar-rigward il-processar li sar mill-Awtorita' dan sar wara l-ittra msemmija fin-1993 stante li saret applikazzjoni differenti ghall-bini ta' boundary wall biss. Din giet rifjutata dak iz-zmien fil-11 ta' Ottubru 1991 mill-PAPB (Dok TDF 3) stante li ma kienitx issa tikkwalifika taht l-iskemi ta' l-1988 (Att X ta' l-1988) u din meta l-appell quddiem is-Select Committee kien ghadu pendenti, ntalbet li tigi kkonsidrata bhala applikazzjoni ta' l-1993 quddiem l-Awtorita';

Ir-rifjut (Dok TDG) ta' l-Awtorita' nghata ghall-boundary wall biss fil-31 ta' Jannar 1994 ghar-raguni msemmija fl-istess rifut Dok. TDG. L-agir ta' l-Awtorita' hu konformi mad-decizjonijiet kostanti tal-Qorti ta' l-Appell li jibdew b'Angelo Farrugia vs l-Awtorita' ta' l-Ippjanar tal-24 ta` April, 1996 u ta' l-ahhar Emanuel Muscat vs l-Awtorita' ta' l-Ippjanar tal-21 ta' Mejju, 1997, u cioe' li l-awtorita' ghandha tiddeciedi skond il-plans u l-policies meta jinhareg il-permess. Dan pero' lanqas mhux il-mertu ta' l-ilment tar-rikorrenti. Ta' min wiehed jinnota li pero' nonostante dawn ir-refusals, il-boundary wall u xi kmamar xorta nbnew illegalment fuq il-site;

Ghaldaqstant l-Awtorita' intimata tabet lil dan it-Tribunal li ma jilqax it-talba tar-rikorrenti fil-konfront ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar stante l-istess Awtorita' ma ghamlet ebda ngustizzja u ghaldaqstant jaqta' li l-ilment mhux gustifikat u subordinatament ma tirrikmandax li l-istess Awtorita' tohrog il-permess fuq l-art in kwitjoni stante li dan ma ghandu ebda dritt ghal tali permess skond l-istess decizjonijiet tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar u l-Qorti ta' l-Appell.

Ra l-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mill-Awtorita` intimata.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

Illi ghalhekk it-Tribunal irid l-ewwel jezamina l-eccezzjoni preliminari ta' l-Awtorita' tal-Ippjanar u cioe` li "fl-ewwel lok l-istess rikorrenti qed jallegaw ingustizzja li saret mill-PAPB pero' l-istess rikorrenti qed jallegaw l-istess att bhala kummess mill-Awtorita' ta' l-Ippjanar.

L-Awtorita' ta' l-Ippjanar taht l-Att 1 ta' l-1992 mhux is-successur tal-PAPB, hlief ghal dawk il-permessi li hargu mill-PAPB u kienu ghadhom in vigore (ghal sentejn) meta spicca l-PAPB u bdiet

tiffunzjona l-awtorita'. Fil-fatt l-ilment tar-rikorrenti hu "illi kien kollu htija tal-Planning Authority" ossija tal-PAPB li damu biex jittrattaw l-applikazzjoni tar-rikorrent…" (fejn qed jirreferu ghas-seba' jew tmien xhur sakemm giet processata mill-PAPB).

Illi skond l-Att 1 ta' l-1992 l-istess Awtorita' mhux is-successur tal-PAPB."

Illi minn ezami tal-ilment tar-rikorrenti jirrizulta li huma qieghdin isostnu li xtraw bicca art fl-1987 f' Marsascala, li applikaw ghall-permess fi Frar 1988, li l-permess ma harigx mill-P.A.P.B. u li kellhom diversi abbokkamenti mal-P.A.P.B., Ministru tal-Ambjent, Prim Ministru u Kap tal-Oppozizzjoni u l-Ministru Falzon. Sostnew li nies ohra li ghandhom art vicin taghhom gew moghtija l-permess mill-P.A.P.B. Fit-tarf tar-rikors u fil-kors tal-kawza r-rikorrenti ppruvaw jiggranfaw dufrejhom ma' responsabbilta' diretta tal-Awtorita' tal-Ippjanar.

Illi ghalhekk biex it-Tribunal jasal fuq jekk hux gustifikata l-eccezzjoni preliminari tal-intimati bilfors ikollu jezamina jekk l-Awtorita' tal-Ippjanar hix is-successur tal-P.A.P.B. b' mod li tkun responsabbli hi ghall-agir tal-P.A.P.B. li fil-fehema tar-rikorrenti kienet tammonta ghal ingustizzja. Fil-kawza deciza mill-Prim' Awla (Imhallef G. Caruana Demajo) fl-14 ta' Novembru 1997 fl-ismijiet Annunziato Mifsud vs Direttur tat-Toroq et intqal li:

"il-Bord ghall-permessi dwar area ta' Pjan Regolatur kien twaqqaf bl-Avviz Legali 10/1962, li kien inhareg that l-Artikolu

19 tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija. Dan l-Artikolu, li thassar bl-Artikolu 63 tal-Att 1 tal-1992 dwar l-Ippjanar tal-Izvilupp (Att 1 tal-1992) kien jaghti lill-President (dak iz-zmien il-Gvernatur) ta' Malta is-setgha li jaghmel regolamenti inter alia:

(c) biex jaghtu s-setgha lill-Ministru responsabbli ghax-Xogholijiet Pubblici (dak iz-zmien is-Segretarju Principali) li jiddelega, lil dak l-Ufficjal, Korp jew Awtorita` u b' dak il-mod u sa fejn jista' jkun preskritt mir-regolamenti, kull wahda mis-setghat moghtija lilu…

Bl-Avviz Legali 10 tal-1962 is-Segretarju Principali nghata s-setgha li jiddelega s-setghat tieghu "lill-Korp maghruf bhala il-Bord ghall-Permessi dwar Area ta' Pjan Regolatur".

Il-Bord ghalhekk huwa d-delegat tal-Ministru responsabbli ghax-Xogholijiet Pubblici, u huwa dan il-Ministru li jwiegeb ghal dak li jaghmel il-Bord.

L-Awtorita` tal-Ippjanar twaqqfet bl-Artikolu 3 tal-Att tal-1992 dwar l-Ippjanar tal-Izvilupp; hija korp awtonomu u mhux delegat ta' xi awtorita` ohra. Ghalhkemm huwa minnu li hadet xi setghat li qabel kienu tal-P.A.P.B., dawn is-setghat hadithom mhux ghax kompliet il-personalita` ta' dak il-Bord izda bis-sahha tad-dispozizzjonijiet ad hoc.

Il-konkluzjoni ghalhek bil-fors tkun li jwiegeb ghal dak li ghamel jew naqas li jaghmel il-Bord ghall-Permessi dwar Area ta' Pjan

Regolatur il-Ministru responsabbli ghax-Xogholijiet Pubblici, li tieghu il-Bord kien delegat, u mhux l-Awtorita` tal-Ippjanar."

Ukoll fil-kawza deciza mill-Prim' Awla (Imhallef G. Valenzia) (Rikors Kostituzzjonali) deciza fit-12 ta' Dicembru 1996 fl-ismijiet "John Sammut vs Awtorita' tal-Ippjanar" il-Qorti qalet:

"L-Att 1 tal-1992 jaghmel eccezzjoni ghal dan fis-sens li l-Artikolu 62 tal-Att jinghad li permess moghti mill-P.A.P.B. u li ghadu fis-sehh hekk kif jigi fis-sehh l-Att 1 tal-1992, jigi meqjus li jibqa' operativ ghall-perjodu u taht il-kundizzjonijiet li ghalih ikun hareg u tul dan iz-zmien jitqies li hu permess moghti mill-Awtorita`…

Illi mid-dokumenti esebiti jirrizulta li fil-fatt l-intimat mhux is-successur tal-P.A.P.B. u l-eccezzjoni msemmija ma tapplikax fil-kaz in ezami billi l-permess tal-14 ta' Awissu 1992 kien gie revokat. L-azzjoni tar-rikorrent ma kellhiex tigi proposta kontra l-intimat."

Illi dan it-Tribunal wara li ezamina l-Att dwar l-Awtorita' tal-Ippjanar ma jhossx li ghandu xi jbiddel mill-insenjament moghti f'dawn il-kawzi.

Illi dak li sofrew ir-rikorrenti ma kienx rizultat tal-agir tal-Awtorita` tal-Ippjanar. Ghalhekk it-Tribunal jilqa' l-ecezzjoni preliminari tal-Awtorita` tal-Ippjanar u jehles lill-Awtorita` mill-harsien tal-gudizzju.

Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.